VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,878, 17 ta' Ġunju, 2022
Taqsima B

A.L. 170 tal-2022

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Spiritual Companionship – M.A. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teoloġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tat-Teoloġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2021 għall-grad ta' Master of Arts in Spiritual Companionship – M.A. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2021 għall-grad ta' Master of Arts in Spiritual Companionship – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teoloġija, ippubblikati bħala Avviż Legali 295 tal-2008, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2022 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tat-Teoloġija;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Arts in Spiritual Companionship taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teoloġija;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Arts in Spiritual Companionship;

"il-Postgraduate Certificate" tfisser il-Postgraduate Certificate in Spiritual Companionship;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Spiritual Companionship; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Il-Kors huwa miftuħ għall-applikanti li għandhom:

(a) grad ta' Bachelor fit-Teoloġija, fir-Religious Studies jew f'oqsma ta' studju relatati miksub ta' l-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew tal-anqas f'Kategorija II jew tal-anqas *Cum Laude*; jew

(b) grad ta' Bachelor fi kwalunkwe qasam ta' studju flimkien ma' esperjenza relatata mal-iSpiritual Companionship.

(2) Il-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà, wara li jkun eżamina bir-reqqa d-dokumenti sottomessi b'sostenn għall-kwalifiki ppreżentati, u wara li jkun intervista lill-applikanti, jista' jirrakomanda d-dħul fil-kors ta' dawk l-applikanti li jkunu applikaw għad-dħul skont il-Politika għar-Rikonoxximenti u l-Akkreditazzjoni ta' Tagħlim Preċedenti (RPL) tal-Università u li jkollhom kwalifiki akkademiċi jew professjonali oħra u esperjenza dokumentata jekk dawn ikunu meqjusa komparabbli għall-kwalifiki mitluba fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament. Id-dħul ta' applikanti bħal dawn jista' jkun soġġett għal dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jkunu imposti biex jagħmlu tajjeb għal xi nuqqasijiet fil-preparazzjoni akkademika tagħhom u esperjenza li flimkien huma meqjusin komparabbli fil-livell tal-ewwel grad.

(3) L-applikanti għandhom jissodisfaw lill-Bord permezz ta' intervista, li huma għandhom l-għarfien akkademiku meħtieġ, id-disponibbiltà u d-dispożizzjoni professjonali biex isegwu l-Kors bi profitt. L-intervista għandha tkun immexxija minn bord tal-intervisti, maħtur mill-Bord, li jkun magħmul minn tal-anqas tliet membri.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(4) L-applikanti għandhom jissottomettu Ċertifikat ta' Kondotta Tajba tal-Pulizija maħruġ mill-Kummissarju tal-Pulizija skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta."